Isla
Citta' Invicta

# Kunsill Lokali Isla

# RAPPORT AMMINISTRATTIV U TA' ĦIDMA

# APRIL 2006 – MARZU 2007



Joseph Casha-Sindku, Walter Ahar-Viċi Sindku, Charmaine Gerada-Kunsillier, Reno Chircop-Kunsillier, Louis Henwood-Kunsillier
Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv

1. Introduzzjoni

Din hija it-tieni sena tal-Ħames Kunsill li ġie elett f'Marzu ta' l-2005. Għaldaqstant dan ir-rapport jgħati ħarsa dwar il-ħidma u it-twettiq ta' xogħol li sar minn dan il-Kunsill fit-tieni sena ta' ħidma tiegħu.

2. Il-Kunsill

Il-Kunsill huwa iffurmat minn :

Sindku → Joseph Casha
Viċi Sindku → Walter Ahar
Kunsilliera → Charmaine Gerada, Reno Chircop, Louis Henwood

2 (1) Laqgħat tal-Kunsill

Matul din is-sena, April 2006 – Marzu 2007 saru 14 il-laqgħa tal-Kunsill (no 21 – no 34) u l-attendenza kienet hekk :

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużat/a |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Joseph Casha (Sindku) | 14 | 14 | 0 | 0 |
| Walter Ahar (Viċi Sindku) | 14 | 12 | 0 | 2 |
| Charmaine Gerada (Kunsillier) | 14 | 9 | 0 | 5 |
| Reno Chircop (Kunsillier) | 14 | 13 | 0 | 1 |
| Louis Henwood(Kunsillier) | 14 | 11 | 0 | 3 |
| Alphonse Zammit (Segretarju Eżekuttiv) | 14 | 10 | 0 | 4 |
| Romina Perici Ferrante (Dep. Seg. Eżekuttiv) | 4 | 4 | | |

3. Formazzjoni tal-Kumitati / Sotto Kumitati

- Kumitat Finanzi – Joseph Casha (Sindku) / Walter Ahar (Viċi Sindku), Alphonse Zammit (Segretarju Eżekuttiv), Romina Periċi Ferrante (Accountant tal-Kunsill).
  Il-laqgħat ta' dan il-kumitat ġew inkorporati waqt il-laqgħat tal-Kunsil.

- Sotto Kumitat Edukazzjoni, Ħidma u Inizjattivi Soċjali, Anzjani u Familji, Żgħażagħ u Sports – Joseph Casha (Sindku) / Reno Chircop (Kunsillier).
  Dan is-Sotto Kumitat iltaqa' tlett darbiet ma' rappreżentanza ta' l-FES biex imexxu il-proġett Summer Club.

- Sotto Kumitat Ambjent, Ġonna Pubbliċi, Latrini Pubbliċi, Manutenzjoni (Ħaddiema Assenjati) – Walter Ahar (Viċi Sindku).
  Fuq talba tal-Viċi Sindku dan is-Sotto Kumitat ġie inkorporat mas-Sotto Kumitat tat-Turiżmu u Wirt Storiku.

- Sotto Kumitat Kommunikazzjoni Dipartimenti Governattivi, Awtorita' ta' l-Ippjanar u Djar – Charmaine Gerada (Kunsillier).

- Sotto Kumitat Proġetti Lokali, Water Services Corporation, Devoluzzjoni Dawl – Reno Chircop (Kunsillier).
  Ma instabux persuni għal dan is-Sotto Kumitat.

- Sotto Kumitat Turiżmu, Wirt Storiku, Gwardjani Lokali u Traffiku – Louis Henwood (Kunsillier).

- Kumitat Relazzjonijiet Internazzjonali, EU Youth Programmes u Ġemellaġi – Joseph Casha (Sindku), Louis Henwood (Kunsillier), Alphonse Zammit (Segretarju Eżekuttiv).

- Sotto Kumitat Konsultattiv – Fil-5 ta' Frar 2007 bl-approvazzjoni tal-Kunsill ġie mwaqqaf dan is-sotto kumitat biex minn żmien għal żmien jgħati pariri u ideat lis-Sindku fil-ħidma tal-Kunsill li tkun trid titwettaq. Dan is-sotto kumitat mill-ewwel beda l-impenji tiegħu billi beda jaħdem fuq draft programme ta' l-attivitajiet bħala tifkira ta' Jum l-Isla. Il-membri li jiffurmaw dan is-sotto kumitat huma Joe Abela, Lawrence Azzopardi, Charles Coleiro, Vince Grech, Laurence Mizzi, Stephen Perici, Joe Robinich u Joe Scerri. Chairperson huwa is-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit. Grazzi għall-impenn u il-kontribut li dawn il-membri qed jagħtu, dan is-sotto kumitat qed ikun effettiv ħafna.

4. Servizzi li qed jagħti il-Kunsill

Il-Kunsill bħas-snin li għaddew baqa' jagħti u jsaħħaħ dawk is-servizzi li kien qed jagħti qabel.

4 (1) Ġbir ta' Skart goff

4 (2) Tindif ta' Toroq

4 (3) Ġbir ta' skart domestiku

4 (4) Żamma ta' Ġonna

4 (5) Street light devolution - żamma ta' dawl fit-toroq

4 (6) Pagament fil-Kunsill miċ-ċittadini, bħal ma huwa ħlas ta' kera tal-Gvern, kontijiet tal-Maltacom u ċitazzjonijiet.

4 (7) <u>Kollaborazzjoni ma' Kunsilli oħra.</u>

Dan il-Kunsill dejjem aċċetta li jilqa' fil-lokal residenti minn lokalitajiet oħra jew talbiet tal-Kunsilli Lokali rispettivi tagħhom.

4 (8) <u>Sala Kunsill / Ġnien il-Gardjola Bye-Law</u>

Bħal ma sar fis-snin ta' qabel il-Kunsill baqa' joffri is-Sala tal-Kunsill għall-użu ta' ċittadini Sengleani biex jiġu organizzati birthday parties, riċevimenti ta' l-ewwel tqarbina u Griżma ta' l-Isqof u attivitajiet oħra simili.

L-istess għamel bi Ġnien il-Gardjola li filwaqt li il-Kunsill jieħu ħsieb dan il-ġnien u issebħu, issa dan il-post qed jkun intużat għal attivitajiet privati wkoll barra dawk mtella' mill-Kunsill bħal ma huma tiġijiet.

Għaldaqstant wara li il-Kunsill ħejja bye-law, li il-Kunsill ressaq għall-approvazzjoni tal-Gvern Ċentrali. Dan sejjer jgħin ħafna biex Ġnien il-Gardjola jissebaħ u jiġi miżmum ħafna aħjar.

4(9) <u>Ħarsien Soċjali</u>

Tajna bidu biex nitkellmu ma l-F.E.S. sabiex isiru laqgħat ħalli jitwaqqaf kumitat għat-tfal b'persuni b'diżabilita'. Il-Grupp Gwardjola twaqqaf u għamel pass ta' ġgant fil-ħsibijiet tiegħu.

Kien il-ħsieb tal-Kunsill li dan il-grupp ikun taħt il-kappa tal-Kunsill, imma l-istess kumitat iddeċieda li jibqa' awtonomu. Wegħdna li nibqgħu nagħtu l-għajnuna tagħna lil dan il-grupp.

Il-Kunsill ta is-sehem tiegħu fit-tlett każijiet ta' Hepatitis li kien hemm fl-iskola lokali billi intervjena mad-Dipartiment tas-Saħħa, Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u il-Kummissarju tat-tfal Sonia Camilleri kif ukoll laqqa il-ġenituri għal tlett darbiet sakemm ġie kollox għan-normal.

Żidna is-servizzi għall-isptar fil-ħinijiet ta' filgħodu.

4 (10) Servizz ta' Librerija u Internet Cafe'

a. Il-Kunsill qed jagħti servizz kontinwu b'self ta' kotba mill-Librerija Pubblika li qed imexxi mill-uffiċċju l-antik f'Misraħ l-4 ta' Settembru.

   Mill-istess post il-Kunsill qed joffri servizz ta' Internet b'xejn għaċ-ċittadini ta' l-Isla fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-Librerija Pubblika.

b. Il-ħinijiet tal-ftuħ huma dawn :

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn bejn | | Id-9.30am u il-11.30am |
| It-Tlieta bejn | | l-4.30pm u is-6.30pm |
| L-Erbgħa bejn | | id-9.30am u il-11.30am |
| Il-Ħamis bejn | | id-9.30am u il-11.30am |
| Il-Ġimgħa bejn | | l-4.30pm u is-6.30pm |
| Is-Sibt bejn | | id-9.00am u 12.00pm |



Joseph Casha-Sindku, Walter Ahar-Viċi Sindku, Charmaine Gerada-Kunsillier, Reno Chircop-Kunsillier, Louis Henwood-Kunsillier
Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv

c. Barra dan il-Kunsill qed juża' dan il-post bħala ċentru ta' kreativita' u żviluppi edukattivi tat-tfal, billi minn żmien għal żmien jorganizza korsijiet ta' crafts, tpinġijiet u attivitajiet informali li jgħinu lit-tfal jiżviluppaw it-talenti tagħhom u moħħhom bl-aktar mod informali (informal education).

4 (11) <u>Edukazzjoni</u>

- Kors tal-computer għat-tfal bejn 7 u 11 –il sena li kien b'sussidju mill-Kunsill.
- Reading lessons fil-librerija għat-tfal mingħajr ħlas kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis.
- Qiegħed isir fil-librerija kors 'Craft Competition' minn għalliema Bulgara u li hija residenti l-Isla.
- Komplejna ninvestu fil-kotba għall-librerija li hemm fiċ-ċentru tal-lokal biex inżidu aktar l-interess fiċ-ċittadini tagħna fejn jidħol qari ta' kotba.
- Ġew mislufa lilna tlett computers miċ-Ċentru Lokali Laburista biex nilħqu mal-ħtiġijiet tagħna.
- Rikonoxximent lil studenti li għaddew għal Junior Lyceum billi il-Kunsill organizza bibita u ċerimonja żgħira fis-Sala tal-Kunsill. Kull wieħed minn dawn it-tfal ingħata ktieb ta' tifkira.
- Korsijiet għat-tfal Sajf magħna imniedi mill-Kumitat Konġunt għal Kottonera fis-Sala tal-Kunsill.

5 Teatru fl-Edukazzjoni

Infatti bejn Lulju/Awissu 2006, dan il-Kunsill organizza kors ta' tmien ġimgħat bit-tema Teatru fl-Edukazzjoni.

Dan il-proġett ħa post Summer Club li is-soltu jiġi mtella mill-Kunsill bil-kolaborazzjoni ta' l-FES.

F'dan il-proġet tit-tfal li ħadu sehem tgħallmu jiskopru it-talenti tagħhom u jinfetħu iktar permezz ta' l-edukazzjoni, l-aktar dik informali.

Dawn l-inizjattivi ġew kollha mħallsa mir-riżorsi tal-Kunsill.

6. Impenn Soċjali u Kulturali fl-Isla

Bħas-snin li għaddew dan il-Kunsill kompla jisħaq fuq l-ispiża ta' l-aspett soċjali u kulturali tal-lokal bill wettaq diversi attivitajiet u proġetti biex ikompli jgħolli il-livell soċjali tal-lokal ta' l-Isla.

6 (1) Jum l-Isla (08/05/06)

Din is-sena Jum l-Isla ġie mfakkar bi programm ta' attivitajiet soċjali, kulturali u rikreattivi mtella' bejn l-4 u it-8 ta' Mejju, 2006.

Fost dawn l-attivitajiet il-Kunsill organizza attivita' f' Skola Primarju, Ħarġa u ikla għaż-żgħażagħ u serata Ġieh l-Isla.



Joseph Casha-Sindku, Walter Ahar-Viċi Sindku, Charmaine Gerada-Kunsillier, Reno Chircop-Kunsillier, Louis Henwood-Kunsillier
Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv

6 (2) Attivitajiet Rikreattivi, Soċjali u Edukattivi imtella mill-Kunsill 2006/2007

Attivitajiet 2006 – 2007

| | |
|---|---|
| Attivitajiet Jum l-Isla | Sussidju mill-Kunsill Lokali Lm373 |
| **Attivitajiet Soċjali u Kulturali** | |
| Ħarġa u Ikla għall-Anzjani | 4 ta' Mejju 2006 |
| Kompetizzjoni Nbid | 6 ta' Mejju 2006 |
| Ġurnata Għawdex | 20 ta' Lulju 2006 |
| Ħarġa b'diskussjoni u Ikla għaż-żgħażagħ | |
| Splash & Fun Żgħażagħ | 23 ta' Lulju 2006 |
| Ħarġa Kulturali Mellieħa | 20 ta' Novembru 2006 |
| Ikla Hotel San Antonio | 20 ta' Diċembru 2006 |
| **Attivitajiet Ġenerali** | |
| Film Qerq | 17 ta' Frar 2007 |
| Pantomina Teatru GWU | 31 ta' Diċembru 2006 |
| Teatru fl-edukazzjoni | Lulju / Awissu 2006 |
| Rigal lill-Anzjani | 22 ta' Diċembru 2006 |
| **Coffee Mornings & High Teas** | |
| Ta' Fra Ben Qawra | 18 ta' Ottubru 2006 |
| High Tea Sala Kunsill | 29 ta' Ottubru 2006 |
| High Tea Sala Kunsill | 26 ta' Novembru 2006 |
| High Tea Sala Kunsill | 13 ta' Diċembru 2006 |
| Bugibba Holiday Complex | 31 ta' Jannar 2007 |
| Coffee Morning Sala Kunsill | 15 ta' Frar 2007 |

**Weekend Breaks**

| | |
|---|---|
| San Antonio Hotel | 29 ta' Ġunju – 2 ta' Lulju 2006 |
| Paradise Bay Hotel | 9 ta' Settembru – 11 ta' Settembru 2006 |
| San Antonio Hotel | 10 ta' Novembru – 12 ta' Novembru 2006 |

Persuni bi bzonnijiet speċjali jattendu għal dawn l-attivitajiet mingħajr ħlas.

7. Skambji Internazzjonali

Il-Kunsill ma baqax lura minn diversi programmi ta' fondi ta' l-Unjoni Ewropeja li minnhom jistgħu jibbenefikaw iż-żgħażagħ ta' dan il-lokal. L-għanijiet ewlenin ta' dan huma :

7(1) Bejn is-6 u it-12 ta' April 2006 ġewwa Bradford ġie organizzat proġett pilota mal-pajjiżi ta' Hamm, Bradford, Austria u Poland flimkien ma studenti mill-lokal ta' l-Isla bl-eta' ta' bejn it-tlettax u it-tmintax –il sena. Dawn inagħqdu f'workshop fejn ħadmu f'diversi programmi fosthom website bl-istorja tal-pajjiżi parteċipanti. Ittelgħet ukoll drama li toħodna fiż-żminijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija.

7(2) It-tlett kunsill ta' l-Isla, Bormla u il-Birgu qegħdin jipparteċipaw f'żewġ programmi, Qualicities u Avec Network li ġew issusidjati mill-fondi ta' l-E.U. u li fihom il-Kunsill qed jieħu sehem attiv, qed jgħinu biex il-patrimonju storiku fil-lokal jiġi magħruf aktar, apprezzat aktar u jiġi restawrat aħjar għall-ġid u l-iżvilupp ekonomiku tal-lokal. L-ewwel konferenza saret f'Evora fil-Portugall bejn it-23 u it-28 ta' Frar 2006.

7 (3) Erbatax-il student Senglean ġew mistiedna biex imorru għal għaxart ijiem ġewwa Cassino/Napli biex jistudjaw il-lingwa taljana kif ukoll serviet bħala ġita. Kollox ġie issussidjat mill-Comune di Cassino.

Anki 20 ċittadin Senglean marru għal ġita ta' ġimgħa ġewwa Cassino, Scanno, Opi u Anversa degli Abruzzi bħala parti minn koperazzjoni li hemm bejn il-Kunsill Lokali u dawn il-pajjiżi.

7 (4) <u>Proġett – Forum Politik, Hamm (Ġermanja) – Novembru 2004 – Novembru 2006</u>

Dan il-proġett qed jitwettaq bil-għan li jiżviluppaw aktar il-kwalita' ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'kuntest Ewropew.

L-għanijiet ewlenin ta' dan il-proġett huma :

- biex jinkiseb għarfien ta' l-effett u l-influwenza tal-politika (policy) ta' l-EU fil-ħajja ta' kuljum tal-parteċipanti żgħażagħ.
- biex isir magħruf u jinkisbu esperjenzi ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fuq livell muniċipali, nazzjonali u ewropew.
- biex żgħażagħ ta' lokalitajiet differenti jiġu ospitati għal bdil ta' esperjenzi differenti kulturali u Nazzjonali.
- biex issaħħaħ dan il-forum ta' parteċipazzjoni dejjem aktar indirizzati lejn ġid komuni biex tikkumbatti ir-restrizzjonijiet ta' rbit ta' politika (policy) restrittiva.
- biex ittejjeb il-morali u l-mod ta' kif wieħed japplika r-regoli ħalli jkun hemm parteċipazzjoni attiva u effettiva.



Joseph Casha-Sindku, Walter Ahar-Viċi Sindku, Charmaine Gerada-Kunsillier, Reno Chircop-Kunsillier, Louis Henwood-Kunsillier
Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv

B'riżultat ta' dan madwar 10 żgħażagħ flimkien ma żgħażagħ oħra mill-Ġermanja, Polonja, Awstrija u Ingilterra ħadu sehem f'żewġ workshops li saru fi Bradford UK April 2006 u Innsbruck Austria Novembru 2006.

Dan il-programm ġie fi tmiemu f'Novembru 2006.

7 (5) Qualicities / AVEC Network

Dawn iż-żewġ programmi ġew issussidjati mill-fondi tal-EU u li fihom il-Kunsill qed jieħu sehem attiv, qed jgħinu biex il-patrimonju storiku fil-lokal jiġi magħruf aktar, apprezzat aktar u jiġi restawrat aħjar għal ġid u l-iżvilupp ekonomiku tal-lokal.

F'dawn il-programmi qed jieħdu sehem madwar 15 il-belt storika minn diversi pajjiżi fl-Ewropa. Dan il-proċess għadu għaddej.

8 Infrastruttura

- Il-Kunsill Lokali fetaħ diskussjonijiet mal-Kumitat għar-rijabilitazzjoni dwar dawl ġdid fil-Mina ta' Sant'Anna u id-daħla ta' l-Isla.
- Dan ix-xogħol kellhu jibda' fil-bidu ta' Settembru mill-Enemalta li sa issa sar xogħol żgħir fuq ġewwa.
- Kellna wkoll diskussjonijiet dwar restawr fis-swar ta' taħt il-Gardjola u Ġnien il-Gardjola.
- Minn informazzjoni li għandu il-Kunsill saru stimi ta' dan ix-xogħol u ser joħorġu tenders dalwaqt.



Joseph Casha-Sindku, Walter Ahar-Viċi Sindku, Charmaine Gerada-Kunsillier, Reno Chircop-Kunsillier, Louis Henwood-Kunsillier
Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv

- Play Area li għanda issir f'Misraħ Andrea Debono huwa konfermat li il-Gvern Ċentrali se jidħol għal dan ix-xogħol taħt ir-responsabbilita' tiegħu wara li jitwaqqa bini u jerġa jinbena fi Triq il-Ponta.

- Sar ix-xogħol kif kien ippjanat mill-Kunsill fi Triq il-Ħabs l-Antik u Triq San Ġużepp bili saru il-bankini u resurfacing ġdid. Din it-triq swiet lill-Kunsill madwar Lm18,000.

- Bdejna l-ewwel parti ta' Triq iż-Żewġ Mini minn ħdejn il-Gardjola u din tinsab lesta bil-mains ta' l-ilma – servizzi ġodda – bankina ġdida – main holes u resurfacing ġdid. It-tieni parti ta' din it-triq minn Triq San Filippu sa Triq il-Kunċizzjoni hija lesta wkoll.

  Waqt dawn ix-xogħlijiet sab diversi problemi fejn kien hemm slubs tal-franka imkissra u bilfors ridu jinbidlu. Dan ifisser aktar spejjez peress li ma sarux estimi tagħhom.

  Dan il-proġett ser jiswa' lill-Kunsill eluf kbar ta' liri u ser ikun it-tieni u l-akbar proġett ta' toroq li saru fl-Isla. Sal-llum il-ġurnata in-nefqa ta' din it-triq ser taqbeż it-Lm38,000.

  Mill-fondi li offra il-Gvern Ċentrali għal resurfacing ta' toroq li jammontaw għal Lm52,000 li minnhom tħallsu biss Lm45,000 saru dawn it-toroq : Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Triq il-Kurċifiss, Triq San Pietru u San Pawl, Dawret ix-Xatt, Triq il-Ħabs l-Antik, Triq San Ġużepp, Triq San Franġisk, Triq Sant'Anġlu, Triq id-Duluri u parti minn Triq iż-Żewġ Mini.



Joseph Casha-Sindku, Walter Ahar-Viċi Sindku, Charmaine Gerada-Kunsillier, Reno Chircop-Kunsillier, Louis Henwood-Kunsillier
Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv

9. Sports

Wara kważi sena li għamilna l-applikazzjoni tagħna biex isir mini pitch tal-football fil-Ponta ta' l-Isla nista' ngħid li dan il-permess ġie approvat mill-MEPA.

Kellna ħafna diffikultajiet b'mod speċjali mal-kumitat għar-riabilitazzjoni u Wirt Artna. Il-pass li jmiss huwa li il-Kunsill jara kif ser jiġi amministrat dan il-ground u wara joħorġu it-tenders biex jibda' ix-xogħol.

Il-Kunsill ta' għajnuna lis-Senglea Athletic Nursery biex jitħallas it-trasport tat-training matul l-istaġun u offra wkoll li ser jagħmel tajjeb għal ħlas ta' apparat li se jkollha bżonn in-Nursery F.C. dan l-istaġun.

10. Ambjent

Għalkemm sar progress kbir fejn tidħol indafa fit-toroq, għad hawn residenti li ftit jimpurtahom mil-lokal li qegħdin jgħixu fih.

Qegħdin nonfqu ħafna flus fejn jidħol 'Bulky Refuse'. Biżżejed ngħid li il-Bulky Refuse f'sena waħda żdied bid-doppju. Il-flus li hemm approvati mid-Dipartiment mhux iservu biex nilħqu din il-ħtieġa. għalhekk il-Kunsill qiegħed jieħu minn fondi oħra biex l-indafa madwar it-toroq tagħna tibqa' f'ambjent sabiħ.

- Inxtraw erbatax il-litter bin tal-plastic u erba' skips kbar biex tpoġġew madwar l-Isla.
- Introduċejna is-sistema tal-Bring in Sites f'erba' żoni differenti.
- Inxtraw pjanti biex tpoġġew fit-turġien madwar l-Isla.



Joseph Casha-Sindku, Walter Ahar-Viċi Sindku, Charmaine Gerada-Kunsillier, Reno Chircop-Kunsillier, Louis Henwood-Kunsillier
Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv

- Qegħdin noffru sussidju lil min irid jieħu inizzjattiva u jsebbaħ il-gallarija tiegħu bil-pjanti.

- Qegħdin ninvestu fi pjanti u jsir upgrading fi Ġnien il-Gardjola.

Bħal ma nagħmlu ta' kull sena tlett xhur qabel il-festa issir manutenzjoni mat-toroq ta' l-Isla biex il-lokal tagħna jinżamm f'ambjent nadif fosthom :

- Road markings
- Tibjid promenade
- Railings
- Tibjid daħla ta' l-Isla
- Tibjid fuq is-Sur
- Patching Triq l-Arkati

Il-Kunsill ħadem u ħa l-inizjattiva biex id-Dipartiment tal-Housing jibdel is-sistema tad-drainage fit-Terrace Houses wara diversi ilmenti mill-istess residenti. Din is-sistema issa nbidlet fejn saru katusi akbar.

Il-Kunsill qed jagħmel pressjoni biex id-Dipartiment jieħu l-mizuri meħtieġa dwar volum ta' drenaġġ li qed jidħol f' garaxxijiet fi Triq ix-Xatt ta' l-Isla, b' mod speċjali meta tagħmel xita qawwija u kawza ta' dan id-drenaġġ qed immur il-baħar.

11. <u>Kultura</u>

- Bl-inizjattiva ta' resident barrani, Mr. Peter Scott u il-Kunsill Lokali saret attivita' fix-Xatt ta' l-Isla fil-25 ta' Ġunju 2006 billi sar kunċert minn grupp Kuban 'Los Fakires' fix-xatt.



Joseph Casha-Sindku, Walter Ahar-Viċi Sindku, Charmaine Gerada-Kunsillier, Reno Chircop-Kunsillier, Louis Henwood-Kunsillier
Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv

- Kumitat Konġunt għal-Kottonera wkoll organizza serata ta' sagħtejn fix-xatt ta' l-Isla bħala parti mill-għeluq tal-proġett 'Nitgħallmu flimkien'.

- Grupp ta' suldati taljani 'Sbandieratori' minn Ruma ġew fil-lokalita' tagħna u għamlu programm madwar l-Isla.

- Fit-tlettax ta' Ottubru inġiebet l-Isla Banda Ġermaniża biex tagħmel programm.

- Fil-ħmistax ta' Ottubru flimkien mad-Dipartiment saret attivita' Jum Dinji ta' l-ikel.

12. Qrib ir-Residenti

Il-Kunsill minn dejjem ta' widen lir-residenti tal-lokal billi jisma' l-ilmenti tagħhom, jiddiskutihom fil-laqgħat tal-Kunsill, li fil-maġġoranza tagħhom jiġu milquha u mogħtija l-attenzjoni neċessarja. Ħafna minnhom tittieħed azzjoni dak il-ħin stess skond l-importanza ta' l-ilment.

Biex il-Kunsill ikun jista' jagħti aktar kontribut lir-residenti tiegħu ħass il-ħtieġa li joħroġ kwestonarju bejn Mejju u Ġunju biex jiġbor informazzjoni.

L-għan tiegħu kien sabiex ikollna database tar-residenti b'mod speċjali taż-żgħażagħ, ħalli kull informazzjoni li toħroġ mill-Kunsill tgħaddi direttament fi djarhom.

Kellna rispons tajjeb b'mod speċjali mill-familji li għandhom żgħażagħ fi djarhom. Imma l-aktar ħaġa pożżittiva minn dan il-kwestjonarjui kienu is-suġġerimenti li saru lil-Kunsill fl-interess tal-lokal.

-

13. L-imħażen ħdejn il-Maċina – L-Għan tal-Kunsill.

Dan il-Kunsill reġa tenna l-impenn tiegħu kif dejjem għamel għal dawn l-aħħar erba' snin biex f'dawn l-imħażen jagħmel bdil strutturali ntensivi u estensivi biex ikunu jistgħu jintużaw bħala Day Centre, Gym, Youth Nursery għal għaqdiet lokali u Boat House.

- Day centre biex tkun għall-użu ta' l-anzjani fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu flimkien u jgħaddu ftit ħin b'veduta mill-isbaħ.
- Gym, ikun post li huwa ta' ħtieġa għall-isportivi kollha.
- Youth Nursery, se jkun Ċentru Sportiv għat-tfal tal-lokal fejn barra li jipprattikaw l-isports, jservi wkoll bħala post edukattiv.
- Boat House hija mitluba ħafna mill-Għaqda Sajjieda, Dilettanti u Barklori biex ikunu jistgħu jirranġaw l-opri tagħhom.

Minkejja dan kollu u il-ħsieb li il-Kunsill jiżvillupa dan il-proġett għal ġid tal-komunita' Sengleana, id-Dipartiment ta' l-artijiet iddeċieda li dan il-proġett jingħata lill-għaqda tal-ħamiem ta' Ħaż-Żabbar.

Għat-tieni darba dan il-Kunsill ħass li ġie ingannat u jemmen li dawn id-deċiżjonijiet ma kienux fl-interess taċ-ċittadini kollha tal-lokal. Il-Kunsill talab lill-Ministru sabiex jingħata tweġiba għax dan seħħ.

Jidher li għat-tielet darba maħżen minn dawk mitluba mill-Kunsill jidher li sejjer jingħata lil għaqda tar-regatta li hija minn barra il-lokal.

## 14. Proġetti Futuri

- Tkomplija ta' mains ta' l-ilma u servizzi ġodda ta' l-ilma ġewwa Triq iż-Żewġ Mini u side streets li jmissu magħha.

- Rikostruzzjoni ta' Synthetic Football Pitch. Malli il-Mepa tagħti il-kunsens tagħha, il-Kunsill jinbarka fuq it-twettiq ta' dan il-proġett.

- Xogħol ta' pavimentar u dawl ġdid għan-Niċċa St. Anna

## Konklużjoni

Din it-tieni sena tal-mandat tiegħu dan il-Kunsill ħadem biex jgħati dehera aħjar lill-komunita' ta' l-Isla u biex jġib il-lokalita' aktar il-quddiem għal ġid tan-nies tal-lokal u ta' dawk li jżuru l-Isla.

Għas-sena li ġejja il-Kunsill qed jwiegħed li jkompli jaħdem bħal qabel u biex joħloq u jsaħħaħ ambjent nadif u sabiħ fejn wieħed jista' jgħix aħjar.

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |